(32)

**IT-TRIBUNAL DWAR SERVIZZI FINANZJARJI**

**Pierre Lofaro LL.D. – Chairman**
**Joseph Azzopardi FCCA, FIA, CPA, MBA (Warwick) – Membru**
**Ivan Sammut Dip. Bus. Law & Acc, Adv. Trib. Melit., M.A. (Fin. Serv.), LL.D. – Membru**

Hermione Buġeja u b'digriet ta' l-14 ta' Ġunju 2017 il-kunjom Buġeja ġie sostitwit b''Borg'

-vs-

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta

Illum, 10 ta' Jannar 2018

It-Tribunal,

Ra l-ittra datata 5 ta' Novembru 2014 mibgħuta lit-tribunal mill-Avukat Dottor Tanya Sciberras Camilleri għan-nom ta' Hermione Buġeja (illum Borg), liema ittra waslet għand it-tribunal fit-13 ta' Novembru 2014. It-talba f'din l-ittra taqra testwalment hekk:

> "*Therefore, for these reasons, the Tribunal is hereby being requested to quash the freezing order issued by the Authority over my client's property and assets and over her monthly salary, to order the release of any assets belonging to my client, irrespective of their provenance and release half of my client's salary and any arrears which are currently being held by her employer and this, without prejudice to any further action pertinent to my client. Furthermore, my client is holding the Authority responsible in damages and interest suffered by her as a consequence of its actions.*
>
> *Given that my client's request is justified and that her financial position is precarious, the Tribunal is also hereby requested to authorise the refund of the appeal fee paid by my client in terms of Legal Notice 10 of 2012, as amended by Legal Notice 62 of 2012, or, alternatively, to condemn the Authority to reimburse my client for all legal fees incurred by her in connection with this appeal.*"

Ra r-risposta ta' l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (minn issa 'l quddiem tissejjaħ l-Awtorità jew l-Awtorità appellata), li waslet għand it-tribunal fid-9 ta' Diċembru 2014. Permezz tagħha l-Awtorità appellata ssollevat eċċezzjonijiet kemm ta' natura preliminari kif ukoll fil-mertu.

Ra d-deċiżjoni mogħtija minnu fis-6 ta' Frar 2015, li permezz tagħha ġiet respinta l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' l-Awtorità appellata, li kienet tirrigwarda l-ġurisdizzjoni ta' dan it-tribunal.

Ra s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-30 ta' Mejju 2017, li permezz tagħha ġiet ikkonfermata d-deċiżjoni preċitata ta' dan it-tribunal.

Ra l-verbal ta' l-udjenza ta' l-14 ta' Ġunju 2017, fejn il-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx aktar provi xi jressqu dwar l-eċċezzjoni li l-appell odjern ġie ppreżentat fuori termine (erronjament indikata fl-imsemmi verbal bħala eċċezzjoni ta' preskrizzjoni), u fejn l-appell ġie differit għad-deċiżjoni dwar dan il-punt.

Semgħa x-xiehda prodotti u ra l-atti u d-dokumenti kollha eżebiti.

Semgħa t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-eċċezzjoni li dwarha qed tingħata din id-deċiżjoni ġiet hekk esposta mill-Awtorità appellata fir-risposta ta' l-appell tagħha:

> "*Without prejudice to the above, should the Tribunal find that it has the required jurisdiction at law to hear this case, the Authority submits that the thirty days within which an appeal can be filed before the Tribunal have long lapsed. The freezing order that is being challenged was issued by the Authority during the second week of August 2014.*"

Illi l-fatti tal-każ li huma pertinenti għad-determinazzjoni ta' l-eċċezzjoni in diżamina jistgħu jiġu riepilogati kif ġej:

1) L-appellanti għandha 1875 sehem ordinarju denominati bl-ittra B fil-kumpannija Maltese Cross Financial Services Limited (C 26960) (aktar il-quddiem tissejjaħ il-Kumpannija), filwaqt illi l-kumplament ta' l-ishma jappartjenu lil żewġha, Jean Claud Buġeja.

2) L-appellanti qatt ma kienet involuta fit-tmexxija tal-Kumpannija.

3) Kemm ir-raġel ta' l-appellanti, li kien jokkupa l-posizzjoni ta' direttur fil-Kumpannija, kif ukoll il-Kumpannija nnifisha ġew investigati mill-Awtorità appellata. Fis-7 ta' Awwissu 2014 l-Awtorità appellata waqfet il-Kumpannija milli topera, filwaqt illi fit-12 ta' Awwissu 2014 ir-raġel ta' l-appellanti ġie mitlub jirreżenja minn direttur. Sussegwentement ir-raġel ta' l-appellanti tressaq il-qorti fejn ġie akkużat b'numru ta' offiżi ta' natura kriminali.

4) Fis-26 ta' Awwissu 2014 l-appellanti u żewġha tterminaw il-komunjoni ta' l-akkwisti esistenti bejniethom u sussegwentement l-appellanti intavolat proċeduri ta' separazzjoni personali kontra żewġha.

5) Meta l-appellanti marret tiġbed flus mil-kont bankarju tagħha, hija skopriet illi fit-12 ta' Awwissu 2014 l-Awtorità appellata kienet ħarġet ordni għall-iffriżar fuq l-assi tagħha; dan in forza ta' l-Artikolu 16(1)(a) ta' l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (Kap. 330) li jgħid:

> "*L-Awtorità għandu jkollha wkoll id-dritt li toħroġ ordnijiet għall-iffriżar ta' fondi u, jew kull attiv ieħor inklużi kontijiet bankarji f'isem id-detentur ta' liċenzja jew kull terza parti oħra hekk kif jista'jiġi ndikat u għal dak iż-żmien u taħt dawk il-kondizzjonijiet li l-Awtorità tista' tistabilixxi bil-miktub*".

6) Skond ix-xhieda mogħtija minn Dr. Christopher Buttiġieġ, l-ordni ta' ffriżar in kwistjoni inħarġet "*around 11th August 2014*". L-istess Dr. Buttiġieġ xehed li fl-20 t'Awwissu 2014, saret laqgħa bejn ix-xhud u d-Direttur Ġenerali ta' l-Awtorità ma' l-appellanti dwar dan l-ordni ta' ffriżar, u dwar id-diffikultajiet li dan l-ordni ta' ffriżar kien qed jikkaġuna lill-appellanti. L-istess xhud ikkonferma, in kontro-eżami, li l-ordni ta' ffriżar mertu ta' dan l-appell, qatt ma ġie formalment notifikat fil-forma skritta lill-appellanti. L-istess xhud spjega li mhijiex proċedura ta' l-Awtorità li ordni ta' ffriżar jiġi notifikat lil persuna li fil-konfront tagħha jinħareġ. L-appellanti min-naħa tagħha kkonċediet li saret din il-laqgħa, però xehdet illi waqt dik il-laqgħa ma ssemmietx l-ordni ta' l-iffriżar f'dawk it-termini, iżda li ġie spjegat lilha li l-Awtorità kienet qed iżżommilha l-flus minħabba investigazzjoni.

7) Fl-4 ta' Ottubru 2014 l-Awtorità appellata ikkonċediet li tħalli lill-appellanti tirċievi nofs is-salarju tagħha. Pero' l-Awtorità qegħda tirrifjuta li tħalliha tieħu n-nofs l-ieħor jekk l-appellanti ma tiffirmax ftehim ippreżentat lilha mill-Awtorità. L-appellanti ma tridx tiffirma dan il-ftehim għaliex tqisu inġust u addirittura illegali, u għalhekk ġie nterpost l-appell odjern.

Ikkunsidra:

Illi ġia ġie deċiż definittivament illi l-ordni ta' ffriżar meriu ta' dawn il-proċeduri jikkostitwixxi "deċiżjoni" għal finijiet u effetti ta' l-Artikolu 21 ta' l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (Kap. 330). Proprju għalhekk, ġie deċiż li bħala tali, ordni ta' ffriżar huwa appellabbli, dejjem skond u in ottemporanza mad-disposizzjonijiet kollha ta' l-Artikolu 21, preċitat.

Illi it-tmien subinċiż ta' l-Artikolu 21 jipprovdi dan li ġej:

> "*Appell magħmul skont id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (9) lit-Tribunal għandu jsir bil-miktub fejn jiġi spjegat ċar il-mottiv għal dak l-appell sa mhux iktar tard minn tletin jum mid-data li d-deċiżjoni jew l-azzjoni fil-kwistjoni tkun ġiet notifikata lill-persuna aggravata, u t-Tribunal għandu jittratta kull kwistjoni quddiemu bl-akbar urgenza u għandu jagħti d-deċiżjoni tiegħu mingħajr dewmien.*"

Illi hu ċar minn din id-dispozzijoni li t-terminu ta' tletin jum għat-tressiq ta' appell huma dekorribbli min-notifika ta' l-att jew tad-deċiżjoni li dwarhom ikun qed jitressaq dak l-appell.

Illi mhux kontestat li l-Awtorità appellata f'ebda ħin ma nnotifikat lill-appellanti bl-ordni mertu ta' dan l-appell. Bla dubju, din il-prattika kienet qed tiġi adoperata mill-Awtorità appellata b'konsegwenza tal-fehma tagħha – żbaljata kif rajna permezz tad-deċiżjonijiet ġia mogħtija fil-proċess odjern – illi ordni ta' ffriżar mhux appellabbli u għalhekk m'hemmx ħtieġa għan-notifika tiegħu. Iżda, kif rajna, japplika proprju l-kuntrarju, u kwindi l-Awtorità appellata kienet fid-dmir li tinnotifika l-ordni ta' ffriżar *de quo agitur* lill-appellanti.

Illi it-Tribunal jgħid "*fid-dmir*", għaliex il-liġi trid li t-terminu ta' dekadenza (u mhux preskrizzjoni) maħsub fl-Artikolu 21(9) ta' l-Att jibda jiddekorri, min-notifika u mhux min dakinhar li l-appellant sar jaf jew setgħa jsir jaf bid-deċiżjoni. L-użu tal-kelma "*notifika*" tixħet dmir pożittiv fuq l-Awtorità u *cioè* li tgħarraf lis-suġġett tad-deċiżjoni tagħha bl-istess deċiżjoni, u dan permezz ta' azzjoni appożita. Dmir allura li jista' biss jiġi sodisfatt b'għemil pożittiv u dirett ta' l-Awtorità, u mhux b'mezzi ndiretti. L-obbligu tan-notifika, fil-fehma ta' dan it-tribunal, jimplika wkoll li d-deċiżjoni tiġi notifikata bil-miktub, billi ġuridikament, "*notifika*" tfisser proprju il-konsenja formali ta' att miktub lill-persuna destinata li tirċevih, jew lill-persuni awtorizzati jirċievu l-att għaliha.

Illi s-sottomissjonijiet ta' l-Awtorità appellata fis-sens li n-nuqqas ta' notifika formali tista' tiġi kkolmata permezz ta' provi li juru li l-appellanti saret taf mod ieħor bl-ordni mpenjat ma tistax tiġi aċċettata. Kif ġia osserva t-tribunal il-liġi espressament trid li t-terminu ta' tletin jum jibda għaddej min-notifika, u għalhekk in-notifika hija ndispensabbli sabiex dan it-terminu jibda għaddej. Fejn il-liġi riedet li termini ta' dekadenza, u *cioè* "*per agire*" jibdew jiddekorru

mill-mument tax-xjenza tal-parti, jew mill-mument tal-possibilità ta' dik ix-xjenza, dan il-liġi qalitu kjarament. Biżżejjed issir referenza għall-Artikolu 469A(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili – li jipprovdi għal azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv, bħal ma huma anke l-proċeduri odjerni – u dan għaliex din id-disposizzjoni espressament torbot il-bidu tad-dekorriment tat-terminu ta' dekadenza semestrali mhux man-notifika, iżda max-xjenza effettiva jew kostruttiva tal-persuna nteressata. Għalhekk, fejn il-liġi riedet dak li qed tissottometti l-Awtorità, dan qalitu. La ma qalitux dwar it-terminu ta' l-appell odjern, l-uniku konklużjoni hija li dak sottomess mill-Awtorità appellata l-liġi ma riditux.

Fl-aħħar nett, ma jkunx inopportun li dan it-tribunal josserva wkoll li min jeċepixxi d-dekadenza għandu l-oneru li jipprova meta beda jiddekorri t-terminu applikabbli. Għalhekk kull notifika li għandha ssir għal finijiet ta' l-Artikolu 21(8) tal-Kap. 330 għandha ssir b'mezzi li huma idonji biex jippruvaw is-suċċess tan-notifika, u d-data preċiża meta twettqet tali notifika.

Għaldaqstant u għall-mottivi kollha *suesposti*, it-tribunal qiegħed jirrespinġi t-tieni eċċezzjoni preliminari ta' l-Awtorità appellata, u qed jordna l-kontinwazzjoni tas-smiegħ ta' l-appell.

L-ispejjeż ta' dan il-provvediment tbatihom l-Awtorità appellata.